

32004R2143

17.12.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 370/1

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 2143/2004**tat-13 ta' Diċembru 2004****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 74/2004 li jimponi dazji definittivi ta' kontrabilanċ fuq importazzjonijiet ta' bjankerija tas-sodda tat-tip tal-qoton/tajjar li joriġinaw fl-Indja**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Ġiet imposta rata ta' dazju ta' 10,4 % fuq il-kumpanniji li jew ma ddikjarawx ruħhom jew ma kkooperawx fl-investigazzjoni.

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2026/97 tas-6 ta' Ottubru 1997 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li m'humiex membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ (ir-"Regolament bażiku"),

Wara li kkunsidra l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2004 tat-13 ta' Jannar 2004 li jimponi dazji definittivi ta' kontrabilanċ fuq importazzjonijiet ta' bjankerija tas-sodda tat-tip tal-qoton/tajjar li joriġinaw fl-Indja ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

- (2) L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 74/2004 jistipula li fejn xi produttur esportatur ġdid fl-Indja jipprovdri biżżejjed evidenza lill-Kummissjoni li huwa ma esportax lejn il-Komunità il-prodotti deskritti fl-Artikolu 1(1) matul il-perjodu ta' investigazzjoni (mill-1 ta' Ottubru 2001 sat-30 ta' Settembru 2002) (l-"ewwel kriterju") u m'huwiex relatat ma' xi esportatur jew produttur fl-Indja li huwa soġġett għall-miżuri kontra s-sussidji imposti b'dak ir-Regolament (it-"tieni kriterju"), u li huwa fil-fatt esporta lejn il-Komunità daww il-prodotti kkonċernati wara l-perjodu ta' investigazzjoni li fuqu huma bbażati l-miżuri, jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli li jesporta kwantità sinifikanti lejn il-Komunità (it-"tietlet kriterju"), allura l-Artikolu 1(3) ta' dak ir-Regolament jista' jiġi emendat billi l-produttur esportatur il-ġdid jingħata r-rata ta' dazju applikabbli għall-kumpanniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun, jiġifieri 7,6 %.

A. PROĊEDURA PREĊEDENTI

- (1) Permezz tar-Regolament (KE) Nru 74/2004, il-Kunsill impona dazju definittiv ta' kontrabilanċ fuq l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' bjankerija tas-sodda tat-tip tal-qoton li taqa' taħt il-kodiċi NM ex 6302 21 00 (kodiċi TARIC 6302 21 00 81, 6302 21 00 89), ex 6302 22 90 (kodiċi TARIC 6302 22 90 19), ex 6302 31 10 (kodiċi TARIC 6302 31 10 90), ex 6302 31 90 (kodiċi TARIC 6302 31 90 90) u ex 6302 32 90 (kodiċi TARIC 6302 32 90 19), li joriġinaw fl-Indja. Minħabba n-numru kbir ta' partijiet li kkooperaw, intaġġel kampjun tal-produtturi esportaturi Indjani u ġew imposti rati ta' dazju individwali li jvarjaw minn 4,4 % sa 10,4 % fuq il-kumpanniji inklużi fil-kampjun, filwaqt li kumpanniji oħrajn li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun ġew attribwiti rata ta' dazju ta' 7,6 %.

B. TALBIET TA' ESPORTATORI/PRODUTTURI ĠODDA

- (3) Erbgħa u għoxrin kumpannija Indjana applikaw biex ma jiġux trattati b'mod differenti mill-kumpanniji li kkooperaw fl-investigazzjoni oriġinali iżda ma ġewx inklużi fil-kampjun ("status ta' parteċipant ġdid").
- (4) Żewġ kumpanniji Indjani li talbu l-istatus ta' parteċipanti ġodda ma tawx tweġiba għall-kwestjonarju. Għaldaqstant, ma kienx possibbli li jiġi vverifikat jekk dawn il-kumpanniji ssodisfawx il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 74/2004, u t-talba tagħhom kellha tiġi rrifjutata.
- (5) Żewġ talbiet għall-istatus ta' parteċipant ġdid waslu tard wisq u għalhekk ma setgħet tintlaħaq ebda konklużjoni dwar dawn it-talbiet sad-data ta' l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (6) L-għoxrin kumpannija li kien fadal wiegħbu l-kwestjonarju li kien maħsub sabiex jivverifika jekk il-kumpanniji kkonformawx mad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 74/2004.

⁽¹⁾ ĠU L 288, 21.10.1997, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 461/2004 (ĠU L 77, 13.3.2004, p. 12).

⁽²⁾ ĠU L 12, 17.1.2004, p. 1.

- (7) L-evidenza pprovduta minn tlettax mill-esportaturi/produtturi Indjani msemija hawn fuq hija kkunsidrata biżżejjed biex dawn il-kumpanniji l-ġodda tingħatalhom ir-rata ta' dazju applikabbli għall-kumpanniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun (jiġifieri 7,6 %) u għalhekk li dawn it-tlettax-il kumpannija Indjana jiġu miżjudin mal-lista fl-Anness (l-"Anness") tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2004.
- (8) Fir-rigward tas-seba' esportaturi/produtturi Indjani li kien fadal, tnejn minnhom kienu relatati ma' kumpanniji soġġetti għall-miżuri ta' kontrabilanċ attwali, tlieta esportaw il-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità matul il-perijodu ta' investigazzjoni oriġinali (jiġifieri mill-1 ta' Ottubru 2001 sat-30 ta' Settembru 2002), wieħed ma setax jipprovidi fattura jew evidenza li huwa kien tabilħaqq esporta l-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità wara l-perijodu ta' investigazzjoni oriġinali jew li huwa kien daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jesporta l-prodott ikkonċernat lejn il-Komunità.
- (9) Finalment, huwa nnotat li talba waħda ma setgħetx tiġi indirizzata fil-kuntest preżenti, minħabba li l-evidenza pprovduta mill-kumpannija applikanti teħtieġ li tiġi eżaminata aktar.
- (10) Taħt dawn iċ-ċirkostanzi, kien ikkunsidrat li għas-sitt kumpanniji msemija fil-premessa (8), għallinqas wieħed mill-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 74/2004 ma ġiex issodisfat. Għaldaqstant, il-prensjoni tagħhom kellha tiġi rrifjutata.
- (11) Kumpanniji li għalihom ma ġiex aċċettat l-istatus ta' parteċipant ġdid ġew informati bir-raġunijiet ta' dik id-deċiżjoni u ngħataw l-opportunità li jwasslu l-opinjoni jiet tagħhom bil-miktub.
- (12) Iż-żewġ kumpanniji relatati mal-kumpanniji soġġetti għall-miżuri ta' kontrabilanċ attwali qalu f'każ wieħed li l-kumpannija relatata tagħhom ma baqgħetx teżisti, u fit-tieni każ li huma kienu qegħdin tabilħaqq jistennew li jkunu soġġetti għall-istess rata ta' dazju bħal dik tal-kumpannija relatata tagħhom.
- (13) Fl-ewwel każ ġie kkunsidrat li l-fatt li l-kumpannija relatata ma baqgħetx teżisti kien tabilħaqq element sinifikanti fil-proċedura attwali, u li f'dan il-każ, ma setax jitqies li l-parteċipant il-ġdid ma kienx qed jirrispetta t-tieni kriterju. Għalhekk ġie deċiż li din il-kumpannija kellha tkun soġġetta wkoll għar-rata ta' dazju applikabbli għall-kumpanniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun (jiġifieri 7,6 %) u għalhekk li tiżdied mal-lista fl-Anness.

- (14) Fit-tieni każ, fejn il-kumpannija applikanti hija relatata ma' kumpannija soġġetta għall-miżuri, instab li dan ma kellux awtomatikament iċaħħad lill-kumpannija milli tkun soġġetta għall-marġni ta' dazju medju peżat għal kumpanniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun. Tabilħaqq, ġie eżaminat jekk iż-żewġ kumpanniji relatati, jekk ikkunsidrati flimkien, kinux jintagħżlu fil-kampjun ta' produtturi esportaturi skond il-kriterji ta' għażla speċifikati fil-premessa (11) tar-Regolament (KE) Nru 74/2004. Minħabba li dan deher li m'huwiex il-każ, ir-relazzjoni bejn iż-żewġ kumpanniji ma taffettwax is-sejbiet tar-Regolament imsemmi hawn fuq. Għal dawn ir-raġunijiet, u minħabba l-prattika konsistenti tal-Kummissjoni li tqis il-kumpanniji kollha relatati bħala entità waħda soġġetti għall-istess dazju, ġie deċiż li din il-kumpannija għandha tkun soġġetta wkoll għar-rata ta' dazju applikabbli għall-kumpanniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun (jiġifieri 7,6 %) u għalhekk tiżdied mal-lista fl-Anness.
- (15) L-argumenti u s-sottomissjonijiet kollha magħmulin mill-partijiet interessati ġew analizzati u mejusin debitament fejn meħtieġ.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kumpanniji li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-lista ta' esportaturi/produtturi mill-Indja elenkati fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 74/2004:

"Alps Industries Ltd	Ghaziabad
Ambaji Marketing Pvt. Ltd	Ahmedabad
At Home India Pvt. Ltd	New Delhi
Balloons	New Delhi
Bhairav India International	Ahmedabad
G-2 International export Ltd	Ahmedabad
Harimann International	Mumbai
Kabra Brothers	Mumbai
Mohan Overseas (P) Ltd	New Delhi
Pradip Overseas Pvt. Ltd	Ahmedabad
Sarah Exports	Mumbai
S.P. Impex	Indore
Synergy	Mumbai
Texmart Import export	Ahmedabad
Valiant Glass Works Private Ltd	Mumbai".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 13 ta' Diċembru 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

B. R. BOT
